Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Numru. 72/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Grima ta’ 41 sena bin Louis u Grace nee’ Vella, imwieled Rabat (Ghawdex) nhar is-16 ta’ Mejju 1970, residenti fil-fond numru Sokkors, Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem (Ghawdex) u detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 13870(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Joseph Grima li gie akkuzat talli nhar is-2 ta’ Ottubru 2009 ghal habta tal-0930 gewwa Triq l-Avukat Anton Calleja, Kercem:

a. talli ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe’

PC1403 Anthony Spiteri waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dana is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu u jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

b. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata minn servizz pubbliku PC1403 Anthony Spiteri filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

c. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1403 Anthony Spiteri;

d. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied;

e. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' nuccali tad-ditta ta' mhux iktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Anthony Spiteri;

f. Ukoll talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi tefa, rema jew iddepozita xi zibel biljett tac-citazzjoni tat-traffiku f'post pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju 2010;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi min-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jidher illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3)jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:
"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta’ ufficjal pubbliku jew ta’ persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

“*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person*.”

Sahansitra f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta’ Novembru 1917 f’kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:
“*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell’agente, e’ necessario ad integrare l’elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato, ma questa scienza puo’ sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell’oltraggio; di guisacche’ il reato puo’ avverarsi anche se l’ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell’oltraggiante della qualita’ ufficiale dell’oltraggiato*.”

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta’ dana r-reat:
1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta’ ordni moghtija minn xi awtorita’ ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta’ dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: “*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of*

*the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*" Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) –*

*“waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz*”.

Illi minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta illi fil-jum li nqala’ dana l-incident l-imputat li huwa s-sindku tar-rahal ta’ Kercem kien hareg jaghmel ronda fil-ghodu fir-rahal sabiex jindika lil xi haddiema addetti mal-Kunsill Lokali fejn kellhom jitwahhlu xi landi taz-zibel fil-lokalita’. Huwa mar fuq il-post bil-mutur tieghu u sakemm ghamel dan waqqaf il-mutur fuq *double yellow line* li kien hemm it-triq. F’dak il-hin kien ghaddej il-kuntistabbli 1403. Hawnhekk ma hemmx qbil fil-verzjoni tal-partijiet ghaliex filwaqt li l-kuntistabbli jikkontendi illi huwa talab lis-sindku jnehhi l-mutur minn fejn kien ghax kien wieqaf illegalment, l-imputat isostni illi huwa qatt ma gie mwissi u l-kuntistabbli ghadda sabiex minnufih jikteb il-biljett tal-kontravvenzjoni. Ma hemmx dubbju madanakollu illi s-sindku hassu urtat bl-agir tal-kuntistabbli. Huwa stenna illi dan tal-ahhar ma jaghmilx dak li huwa tenut jaghmel bil-ligi izda joqghod jistennieh sakemm ilesti minn dak li kien qed jaghmel minghajr ma jharrku. Is-sindku hawnhekk ippretenda illi billi ma kienx ser idum wisq u kien ser jieqaf biss ghal ftit minuti, huwa seta’ jipparkja l-mutur tieghu fejn irid u hass illi dana seta’ jaghmlu anke taht ghajnejn il-pulizija billi hu u l-kuntistabbli Spiteri kienu hbieb u dana kif isostnu kemm hu kif ukoll l-istess kuntistabbli fix-xhieda taghhom. Ghalhekk huwa beda jghajjat u jargumenta b’idejh f’wicc il-pulizija tant illi anke accidentalment laqtu kemm fuq sidru u tajjarlu n-nuccali li kien imdendel mal-qmis kif ukoll laqtu bi sbrixx fuq ghajnejh.

Illi l-Qorti tistqarr illi temmen dak kollu li jghid il-kuntistabbli Spiteri billi dana kien qieghed inizzel kelma b’kelma dak li kien qed ighidlu s-sindku, kliem pastaz u kliem ta’ tghajir.[1] Fil-fatt ghalkemm l-imputat jichad li qal dana d-diskors madanakollu huwa jammetti li beda jargumenta ma’ dana l-pulizija u tant kien urtat li bir-rabja huwa ghaffeg it-ticket li kien ghadu kemm wahhallu l-kuntistabbli mal-mutur tieghu u tefghu fuq is-saqaf tal-*bus shelter* li kien hemm

[1] Ara Dokument E  a fol.21

fil-vicin. Fil-fatt iktar tard meta nizel is-surgent 1346 Anton Schembri fuq il-post sabiex jinvestiga dana l-kaz huwa irnexxielu jsib dana l-avviz proprju fuq is-saqaf tal-*bus shelter*.[2] Mhux biss, izda l-imputat ighid illi cempel lis-supretendent Simon Galea sabiex jitlob il-benedizzjoni tieghu talli pparkeggja l-mutur tieghu illegalment!

Illi mill-ewwel il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi kienet tistenna komportament iktar ezemplari minn sindku ta' rahal li ghandu jaghti ezempju bl-imgieba tieghu u mhux jaghmel xi turija ta' forza illi forsi jhoss illi ghandu minhabba l-kariga li jokkupa. Illi ghalkemm huwa kellu kull dritt ma jaqbilx mal-agir u l-metodologija uzat mill-kuntistabbli tal-pulizija Anthony Spiteri madanakollu kien jaf ben tajjeb illi kellu forum iktar adattat fejn jindirizza l-ilment tieghu certament ahjar minn nofs it-triq ewlenija tar-rahal. L-azzjonijiet tieghu wasslu ghal incident banali li seta facilment jigi evitat billi jaccetta t-*ticket* tal-kontravvenzjoni li kien qed jaghtih il-kuntistabbli mbaghad jikkontestah fil-*forum* appozitu. Dana izda ghazel li ma jaghmlux u minflok tilef kull sens ta' raguni u beda jghajjat, ghaffeg it-ticket b'idejh u tajjru ghal fuq is-saqaf tal-*bus shelter* li kien hemm vicin. Tant kien agitat illi beda anke ixejjer idejh, kif jammetti hu stess u lanqas biss induna li kien laqat lill-kuntistabbli Spiteri. Fil-fatt ic-certifikati medici esebiti fl-atti u x-xhieda tat-tobba kollha jissostanzjaw dana u cioe' illi l-griehi kienu kompatibbli ma' xi brix superficjali u mhux ma' xi daqqa sostanzjali bhal xi daqqa ta' harta jew daqqa ta' ponn.

Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti ghalhekk jirrizulta illi l-fattispecje ta' dana l-kaz jinkwadra ruhhom taht dak dispost fl-artikolu 95, iktar milli l-artikolu 96 billi ma jirrizultax illi l-imputat f'xi hin aggredixxa, hebb jew attakka lil kuntistabbli Spiteri, izda biss beda jghajjru u jinsulentah minhabba li kien qed iharrku fuq kontravenzjoni. Kwindi dina l-Qorti ser issib htija biss ai termini tal-artikolu 95 u mhux l-artikolu 96.

[2] Ara TOT esebiet a fol.26

Illi kif diga gie sottolinjat iktar ’il fuq l-imputat ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-kuntistabbli Spiteri meta beda jxejjer idejh f’wicc l-istess kuntistabbli u b’hekk laqtu bi sbrixx f’ghajnejh. Kif ukoll bl-istess azzjoni ta’ tixjir tal-idejn huwa kisser in-nuccali tax-xemx tal-kuntistabbli li madanakollu skond ir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti Joseph Grech ma jiswiex iktar minn €15.

Illi meta tigi biex tqis l-akkuza kontravvenzjonali dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, il-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Maria Concetta Green’ (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):
‘*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ ‘breach of the peace’. L-elementi ta’ dan ir-reat ġew eżaminati funditus f’diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta’ nkwiet jew tħassib f’moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita’ ta’ persuna jew dwar l-inkolumita’ ta’ proprjeta’, kemm b’riżultat dirett ta’ dak l-għemil jew minħabba l-possibilita’ ta’ reazzjoni għal dak l-għemil.*

*L-iskambju ta’ kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x’jindika li dak l-argument jista’ jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta’) ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali*.’

Illi ma hemmx dubbju illi fil-kolluzzjoni li kien hemm bejn l-imputat u l-kuntistabbli Spiteri ghalkemm inghad xi kliem ta’ tghajjir minn naha tal-imputat fejn huwa anke gholla lehnu, madanakollu l-Qorti ma tistax tirriavisa l-kuncett tal-“breach of the peace” kif spjegat fis-sentenza hawn fuq citata u sottolinjata fil-gurisprudenza tal-qrati taghna. Fil-fatt jidher illi l-haddiema li kien hemm presenti li kienu qed iwahhlu l-laned taz-zibel ma tawx kas ta dak li kien qed jigri jew ahjar ghamlu ta’ bi ruhhom li mhux qed jaghtu kas

u komplew fuq xogholhom minghajr ma indahhlu[3]. Kwindi dina l-akkuza ma tistax tirrizulta ippruvata.

Finalment l-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju jindika wkoll li tista' tinstab htija taht ir-regolamenti 2 u 4 u l-Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 334 tal-2005. Illi dana l-Avviz Legali jitkellem dwar ir-Regoli tal-2005 dwar il-Kreditu ta' Taxxa ghall-Investiment mill-Gdid. Illi ma hemmx dubbju illi dawn ir-regolamenti ma jsibux applikazzjoni ghal kaz in dizamina u x'aktarx illi l-Avukat Generali ried jindika l-Avviz Legali 344 tal-2005, izda erronjament indika avviz legali b'numru zbaljat. Dina l-Qorti, madanakollu hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Kwindi l-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi dana l-incident inqala' fuq kwistjoni trivjali li giet imkabbra b'mod sproporzjonat mill-imputat. Il-Qorti hija konvinta illi l-imputat irreagixxa b'dana l-mod mhux b'xi nuqqas ta' rispett lejn il-korp tal-pulizija, izda x'aktarx frott ta' agitazzjoni tal-mument.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 221, 325(1)(d) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, ir-raba' u s-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjni tal-artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana l-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

---

[3] Ara xhieda ta'  George Grech, Anthony Portelli u Saviur Grech a fol.40 sa 45 tal-process.

Finalment il-Qorti tordna lill-imputat ihallas lil PC1403 Anthony Spiteri is-somma ta' €15 bhala danni subiti minnu f'dana l-incident konsistenti fil-valur tan-nuccali tax-xemx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------